Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 104/2008

**Rita Farrugia, armla ta' Emmanuele Farrugia**

**vs**

**Amata mart Maurice Borg u l-istess Maurice Borg u b'digriet tal-14 t'Ottubru 2009 gie kjamat fil-kawza Mario Farrugia**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

1. Illi hija kienet mizzewga lil Emmanuele Farrugia illi miet fit-22 ta' Frar 2006 (Dok RF-10;

2. Illi l-mejjet zewgha, Emmanuele Farrugia kellu hanut tad-deheb minn fejn kien jezercita n-negozju ta' gjojellerija u b'titolu oneruz, tul is-snin, waqt iz-zwieg tieghu ma' l-


Qrati tal-Gustizzja

istess rikorrenti rnexxilu jgemma kollezzjoni privata ta' diversi oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz li wkoll kienu fid-dar matrimonjali bin-numru wiehed (1), Triq it-Telgha tal-Belt, Rabat, Ghawdex u ghalhekk in-nofs (1/2) indiviz ta' dawn l-oggetti kienu jappartjenu lir-rikorrenti bhala sehmha mill-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejnha u bejn il-mejjet zewgha, Emmanuele Farrugia;

3. Illi Emmanuele Farrugia rregola s-successjoni tieghu permezz tat-testment unica charta maghmul flimkien mar-rikorrenti martu fid-19 ta' Jannar 2004 (Dok RF-2, RF-3 u RF4) li permezz tat-Tieni Artiklu tieghu fost disposizzjonijiet ohrajn halla lir-rikorrenti martu b'titolu ta' legat l-oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz appartenenti lilu u permezz tat-Tielet Artiklu, salv dak imholli fit-Tieni Artiklu t-testatur halla lil martu l-uzu u l-uzufrutt tal-beni tieghu kollha;

4. Illi meta miet zewgha Emmanuele Farrugia, id-deheb u hagar prezzjuz kien iddepozitat f'kaxxa fil-Bank of Valletta plc u bil-kunsens tat-tliet uliedha: Amata Borg, George Farrugia u Mario Farrugia, li huma t-tfal u l-eredi tal-mejjet zewgha, Emmanuele Farrugia, dawn l-oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz gew rilaxxjati mill-istess Bank u ttiehdu mill-istess Amata Borg u huha, Mario Farrugia sabiex jinghataw lill-armla u cioe' lir-rikorrenti li f'dik l-epoka kienet toqghod fid-dar tal-konjugi Maurice u Amata Borg u fil-fatt dawn l-istess oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz gew lilha hekk moghtija. Illi dawn l-oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz jinsabu deskritti fl-affidavit ta' l-istess rikorrenti (Dok RF-5) u baqghu fid-dar tal-konjugi Maurice u Amata Borg meta l-esponenti giet rikoverata fl-Isptar Generali ta' Ghawdex. Illi l-esponenti ma regghetx rat aktar dawn l-oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz mid-data meta hija giet rikoverata fl-Isptar Generali ta' Ghawdex sal-gurnata tallum;

5. Illi wkoll irid jinghad illi fil-mument tal-mewt ta' zewgha, Emmanuele Farrugia, il-konjugi Farrugia kienu jirrisjedu mas-sorijiet Dumnikani fit-Triq Pompei, Rabat, Ghawdex u l-oggetti tal-fidda thallew mill-konjugi Farrugia fid-dar matrimonjali bin-numru wiehed (1) fit-Telgha tal-

Belt, Rabat, Ghawdex u ghalhekk wara l-mewt ta' zewgha, Emmanuele Farrugia l-attrici kellha wkoll il-pussess ta' l-istess oggetti, liema oggetti tal-fidda jinsabu elenkati fid-Dok RF-6 hlief gahs-sett tat-te' u kafe (numru 11, pagna 2, ittra B) li kienu nghataw mill-konjugi Farrugia lill-Amata Borg;

6. Illi sussegwentament sewwa l-kaxxa tad-deheb u hagar prezzjuz, kif spjegat hawn fuq fil-paragrafu numru erba (4) kif ukoll l-oggetti tal-fidda spiccaw fid-dar ta' Maurice u Amata konjugi Borg bl-isem 'Maurama', Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo kif ser jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' din il-kawza.

7. Illi l-intimati ghalkemm gew interpellati anke permezz ta' ittra ufficjali sabiex jirrestitwixxu lura lill-attrici l-oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz (Dok RF7), dawn qeghdin jirrifjutaw li jaghmlu dan (Dok RF8).

Ghalhekk l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

(i) tiddikjara illi l-attrici kienet diga' giet immessa fil-pussess tal-legat imholli lilha mill-mejjet zewgha, Emmanuele Farrugia bit-testment unika carta tad-19 ta' Jannar 2004 (Nutar Enzo Dimech – Dok RF2)

(ii) tiddikjara wkoll illi dawn l-oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz qeghdin fil-pussess tal-konvenuti Maurice u Amata konjugi Borg fejn thallew minn Rita Farrugia, armla ta' Emmanuele Farrugia meta hija giet rikoverata fl-isptar generali t'Ghawdex

(iii) tordna lill-konvenuti sabiex jirrestitwixxu lilha l-istess oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz li ttiehdu mill-konvenuti u qeghdin fil-pussess taghhom u fin-nuqqas, tillikwida l-valur ta' l-istess oggetti tad-deheb, fided u hagar prezzjuz li ttiehdu mill-istess konvenuti u tikkundannahom ihallsu lilha l-valur likwidu u cert ta' l-istess oggetti tad-deheb, fided u hagar prezzjuz, okkorrendo bin-nomina ta' esperti ghall-istess fini.

Salva kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 2008 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici in kwantu rivolta fil-konfront ta' l-intimat Maurice Borg hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu, kif l-attrici taf ben tajjeb, l-istess Maurice Borg la ghandu u la qatt ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-assi ta' l-attrici u anqas ma dawk parafernali ta' martu.

2. Illi ulterjorment it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt wkoll fil-konfront ta' l-intimata Amata Borg in kwantu kif ga gie mgharraf lill-attrici f'Ittra Ufficjali u kif del resto l-attrici taf ben tajjeb, l-istess Amata Borg ma hi fil-pussess ta' ebda effett mobbli msemmi fir-rikors promotur li ma kienx inghata lilha mill-genituri taghha u dan kif jista' jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi ma jistax ma jinghadx li l-azzjoni odjerna qed tigi proposta mill-attrici f'sitwazzjoni meta wara zmien twil tiehu hsiebha l-istess Amata Borg, issa l-attrici marret tirrisjedi ma' binha l-iehor George Farrugia li mieghu hemm nuqqas ta' qbil familjari intern. Dan forsi jispjega wkoll fost kunsiderazzjonijiet ohrajn kif fil-lista ta' l-oggetti msemmija mill-attrici hemm neqsin certi oggetti, inkluzi numru akbar ta' muniti tad-deheb u settijiet partikolari, gja appartenenti lil Emmanuele Farrugia, li ma ntalbux u li taghhom intalab jaghti kont l-istess imsemmi George Farrugia.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li fir-risposta guramentata tieghu Mario Farrugia eccepixxa li:

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici in kwantu rivolta fil-konfront ta’ l-intimat hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba li, kif l-attrici taf ben tajjeb, l-intimat ma ghandu ebda proprjeta’ mobbli fil-forma ta’ dehebijiet u fided appartenenti lilha fil-pussess tieghu;

2. Illi ulterjorment, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-unika oggetti ta’ deheb u fidda li l-intimat ghandu li huma proprjeta’ tieghu (ghad li mhux prezentement fil-pussess fiziku tieghu) kienu gew moghtija lilu u lil ohtu Amata Borg b’donazzjoni mill-istess attrici u ghalhekk dawn saru proprjeta’ tieghu;

3. Illi l-attrici kienet tant cara u kategorika fl-espressjoni tal-volonta’ donanti taghha illi ma huwiex mifhum kif issa qed taghmel din il-kawza li tmur f’direzzjoni diametrikament opposta ghall-imsemmija volonta’ determinata taghha. B’din il-kawza, l-attrici qeghdha timxi, minn barra, kontra dik li kienet indubbjament, u b’mod l-aktar car, ir-rieda libera u konxja taghha. Jigi registrat <u>bhala fatt</u> illi l-uniku tibdil fic-cirkostanzi li sehh wara li saret id-donazzjoni de quo, kien li l-attrici marret tghix ma’ binha George Farrugia u minn dak iz-zmien ‘il hawn inqatghet minn kull rabta familjari ohra u nqatghet minn kull ma min kien, b’xi mod jew iehor, parti minn hajjitha sal-mument li marret tghix ma’ binha l-iehor George Farrugia, li bejnu u bejn iz-zewg hutu l-ohra hemm problemi familjari.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess hemm oggetti msemmija mill-attrici illi l-eccipjenti jaf li l-istess attrici flimkien ma’ zewgha (missier l-eccipjenti) kienu ddonaw snin ilu lil binthom Amata Borg u ohrajn illi huma ghal kollox neqsin u li ghalihom ghad irid jinghata rendikont kif imiss minn min jaf fejn huma;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rapporti tal-Periti Teknici Vincent Ciliberti u John Mallia Borg u r-risposti ghad-domandi in eskussjoni li sarulhom.

Rat ukoll ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri.

Rat l-atti tal-mandati ta' qbid kawtelatorju li gew allegati mal-process odjern.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2010 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-21 ta' Jannar 2011.

Rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta' Jannar 2011 u tal-24 ta' Mejju 2011.

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Gunju 2011.

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta' Gunju 2011, tat-3 ta' Frar 2012 u tat-22 ta' Mejju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Illi din il-Qorti se tibda l-ewwel billi telenka dawk il-fatti li m'humiex in kontestazzjoni bejn il-partijiet:

- L-attrici Rita Farrugia u zewgha Emmanuele Farrugia kellhom tliet ulied George, Mario u Amata.

- Emmanuele Farrugia miet fit-22 ta' Frar, 2006.

- Emmanuele Farrugia kien jezercita n-negozju ta' gjollerija u kellu hanut tad-deheb.

- Waqt iz-zwieg il-konjugi Farrugia iffurmaw kollezzjoni privata ta' diversi oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz u dan billi xtraw l-istess oggetti li kienu jinsabu fid-dar matrimonjali bin-numru wiehed (1), Triq it-Telgha tal-Belt, Rabat, Ghawdex. Kwindi jirrizulta li n-nofs indiviz ta' dawn l-oggetti jappartjenu lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

- Jirrizulta li Emmanuele Farrugia rregola l-wirt tieghu permezz ta' testment li permezz tieghu halla lit-tliet uliedu werrieta ndaqs bejniethom b'martu tkun l-uzufruttwarja generali u b'legat hallielha d-deheb u l-fidda kollha.

- Jirrizulta wkoll li l-konjugi Farrugia kienu marru jghixu ghal madwar hames snin gewwa Malta. Qabel ma marru Malta l-konjugi Farrugia ddepozitaw id-deheb u l-fidda taghhom ma' binhom George Farrugia u sar elenku. Huma hallew ukoll diversi oggetti fid-dar matrimonjali. Meta l-konjugi Farrugia rritornaw Ghawdex huma hadu lura d-deheb u l-fidda minghand binhom.

- Wara li rritornaw Ghawdex, Emmanuele Farrugia dam haj 12-il sena u nofs. Huma ghamlu 3 snin u nofs ighixu f'appartament li jinfed mad-dar ta' binhom George u sena u nofs ghand is-sorijiet ta' Pompeii u dan partikolarment minhabba l-istat ta' sahha ta' Emmanuele. Id-deheb u l-fidda baqghu fil-pussess tal-konjugi Farrugia meta kienu jghixu fl-appartament. Meta imbaghad marru ghand is-sorijiet id-deheb gie depozitat fil-Bank Of Valletta f'isem it-tliet ulied.

- Il-konjugi Farrugia permezz ta' skrittura privata ddikjaraw li kienu taw b'donazzjoni lil binthom Amata xi oggetti tal-fidda li kienu diga' fil-pussess taghha.

- Kienet saret ukoll skrittura bejn il-konjugi Farrugia u wliedhom is-subien li permezz taghha jirrizulta li dawn ta' l-ahhar inghataw donazzjoni u li min-naha taghhom mal-mewt ta' wiehed mid-donatarju kellhom jaghtu somma ta' flus kull wiehed lil Amata Borg.

- Jirrizulta wkoll li kien George Farrugia li kompla bin-negozju li kellu Emmanuele.

- Mal-mewt ta' Emmanuele Farrugia, Rita marret toqghod ma' bintha Amata. Xi ftit xhur wara Rita talbet li d-

deheb jinhareg mill-Bank u fil-fatt hekk sar[1] billi l-ahwa Farrugia ffirmaw.

- Il-kaxxa tad-deheb baqghet dejjem fid-dar ta' Amata Borg u kienet tinzamm gewwa armadju. Sussegwentement ammont ta' oggetti tal-fidda fuq inizjattiva ta' l-istess Amata Borg ingabu wkoll fid-dar ta' l-istess Amata. Rita m'oggezzjonatx li dan isir.

- M'hemmx kontestazzjoni min-naha tal-konvenuti li l-attrici giet immessa fil-pussess ta' l-oggetti tad-deheb u fidda li thallew lilha permezz ta' legat minn zewgha.

- Wara aktar minn sentejn toqghod ghand bintha, Rita Farrugia taha stroke fid-9 ta' Lulju 2008 u giet rikoverata l-isptar. Meta Rita kienet se tigi mibghuta d-dar Amata qaltilha li ma setghetx izzommha aktar maghha. Infatti f'dak il-perjodu Amata Borg kienet kisret saqajha u kellha xi problemi ta' sahha. B'hekk l-attrici marret toqghod ghand binha l-iehor George u dan kien fl-1 ta' Awwissu 2008.

- Minn dak iz-zmien Amata Borg u huha Mario ma baqghux f'kuntatt ma' ommhom. Infatti mhux kontestat lanqas li bejnhom u huhom George hemm problemi familjari u ma jitkellmux bejniethom.

- Meta l-attrici marret toqghod ma' George hija talbet id-deheb u l-fidda lil bintha li min-naha taghha rrifjutat li taghtihomlha lura peress li l-konvenuta Amata ssostni li ommha tat dawn l-oggetti lilha u lil huha Mario bhala donazzjoni u dan bhala tpattija ta' dak li kien ha huhom l-iehor George.

- Ma sar ebda kuntratt pubbliku li tirregola d-donazzjoni li l-konvenuta u l-kjamat fil-kawza qed jallegaw.

<u>Eccezzjoni Preliminari tal-konvenuti Borg</u>

[1] Amata u Mario jsostnu li meta l-kaxxa nfethet instab xi deheb nieqes izda dan ma giex ikkonfermat minn Rita Farrugia

Illi l-konvenuti Amata u Maurice konjugi Borg eccepew:

*Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici in kwantu rivolta fil-konfront ta' l-intimat Maurice Borg hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu, kif l-attrici taf ben tajjeb, l-istess Maurice Borg la ghandu u la qatt ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-assi ta' l-attrici u anqas ma dawk parafernali ta' martu.*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba attrici huwa minnu li Maurice Borg mhux legittimu kuntradittur u dan peress li l-immissjoni fil-pussess issir mill-eredi mentri Maurice Borg mhux eredi ta' Emmanuele Farrugia. Izda mhux l-istess jista' jinghad ghat-talbiet l-ohra. L-attrici qeghdha ssostni li l-oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz jinsabu fil-pussess tal-konvenuti kontra l-volonta' taghha u dan peress li l-istess oggetti  jinsabu allegatament fid-dar matrimonjali tal-konvenuti. Konsegwentement qeghdha titlob li l-Qorti tordna r-restituzzjoni taghhom.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda

<u>Mertu</u>

Illi mill-atti ghaldaqstant jirrizulta li t-tezi attrici hija li l-konvenuti konjugi Borg u l-kjamat fil-kawza ghandhom fil-pussess taghhom deheb, fidda u hagar prezzjuz li jappartjeni lilha u li ghalkemm hija talbithomlhom lura dawn irrifjutaw li jaghtuhomlha.

Illi min-naha taghhom il-konvenuta u l-kjamat fil-kawza jichdu li ghandhom fil-pussess taghhom l-oggetti mitluba ghaliex ommhom l-attrici tathom l-istess oggetti b'donazzjoni.

Illi in risposta ghall-eccezzjoni li l-oggetti nghataw b'donazzjoni, l-attrici filwaqt li tichad li tathom b'donazzjoni qeghdha tinvoka l-artikolu 1753(1) tal-Kodici Civili. Il-konvenuti u l-kjamat fil-kawza min-naha taghhom qeghdin jinvokaw l-artikolu 1753(2)(a) tal-Kodici Civili.

Illi l-ewwel ma jrid jigi deciz huwa jekk effettivament kienx hemm donazzjoni. F'dan il-kaz il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg versjonijiet totalment opposti ghal xulxin. Kif inhu risaput f'sitwazzjoni bhal din il-Qorti ghandha zzomm quddiem ghajnejha li '*Fil-kamp civili, il-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. (**Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo v. Carmelo Pace**, Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986). Meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbili u verosimili, il-Qorti ma tistax tiddeciedi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti fuq bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur. Fi kwistjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex probabbli u minn ewl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Hafna drabi, bhala provi spiss jassumu rilevanza determinanti certu provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill- verzjoni u mhux lill-ohra, u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti ndipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza ndipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f'kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikunu sehhu l-affarijiet'*[2].

Illi mill-provi akkwiziti l-Qorti hija konvinta li l-attrici ma tatx id-deheb, il-fidda u l-hagar prezzjuz lill-konvenuti u lill-kjamat fil-kawza b'donazzjoni u dan hlief ghal xi oggetti tal-fidda li jirrizultaw li kienu nghataw b'donazzjoni lill-konvenuta mill-istess attrici u missierha u li l-Qorti se tindika aktar 'il quddiem. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni minhabba diversi ragunijiet li se jigu kollha elenkati.

---

[2] **Saviour Cremona et vs Anthony Cassar et,** App Civ Nru: 91/1999, deciz fit-23 ta' Settembru 2009

Irrizulta li jezisti nkwiet familjari fis-sens li l-ahwa Amata Borg u Mario Farrugia m'ghandhomx relazzjoni tajba ma' huhom George. Dan l-inkwiet ilu ghaddej bejn l-ahwa. Kien hemm xi zmien fejn lanqas l-attrici ma kienet f'relazzjoni tajba ma' binha George Farrugia. Wara li l-attrici taha stroke u marret toqghod ma' binha George hija u wliedha l-ohra m'ghadhomx jitkellmu.

Illi hekk kif gie ritenut fis-sentenza **Albert Fiorentino vs Rebecca Attard**[3]

*'Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "**Carmela Pace -vs- Rosaria Caruana et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 17 ta' Ottubru 1949 (**Kollez Vol XXXIII pII p416** "ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg (1) li l-oggett mobili moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dan jghaddi mmedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta li jiddona u li jizvesti ruhu mmedjatament u rrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona".*

*Il-kwestjoni hawn involuta trid allura tigi ezaminata fl-ambitu ta' dawn l-elementi, in partikolari l-element intenzjonali specifiku ta' l-allegata donazzjoni. Qabel kull konsiderazzjoni tal-fatti processwali tajjeb li jigi sottolinejat illi "min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija mproprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari … …" (**Kollez Vol XXXII pII p472**)'.*

Illi Rita Farrugia dejjem baqghet issostni li hija qatt ma tat b'donazzjoni d-deheb, fidda u hagar prezzjuz lill-konvenuti jew lill-kjamati fil-kawza hlief ghas-sett tat-te' u tal-kafe' u tghid li kienu dawn biss l-oggetti relatati ma' l-iskrittura privata li saret bejn il-konjugi Farrugia u binthom Amata

[3] App Nru: 351/2002 PS deciz fid-19 ta' Mejju, 2004

Borg fis-17 ta' Gunju 2003 redatta min-Nutar Enzo Dimech. Il-konvenuta Amata Borg tispjega li l-attrici tatha wkoll bowl tal-fidda, zewg ktieli fuq stands, 4 zukkarieri u zewg kandelabri. Amata Borg xehdet fis-sens li, eskluzi l-kandelabri li nghataw lilha mill-attrici waqt li kienet qeghdha toqghod maghha, l-oggetti l-ohra nghataw lilha fiz-zmien meta zzewget bintha Joyce ossija fl-1996. Hija spjegat li l-genituri taghha kienu silfuha dawn l-oggetti fl-okkazzjoni tat-tieg ta' bintha izda meta marret biex ittihomlhom lura qalulha biex izzommhom u sussegwentement giet redatta l-iskrittura privata. Bintha Joyce Attard[4] ikkonfermat il-prezenza ta' dawn l-oggetti fil-kamra tal-pranzu mentri hemm oggetti tal-fidda li jinzammu fis-sideboard.

Illi minn qari ta' l-iskrittura ma jirrizultax li gew elenkati l-oggetti tal-fidda li kienu qeghdin jigu donati izda tnizzlet il-frazi 'diversi oggetti tal-fidda' li l-konjugi Farrugia kienu qalu lin-Nutar Dimech[5] li l-oggetti kienu jinsabu fil-pussess tat-tifla taghhom. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti s-sett tat-te' u kafe' ghandu jitqies bhala oggett wiehed anki ghaliex id-dicitura nnifisha tindika hekk.  Kwindi ma jistax jigi kontestat li oltre' dan is-sett kien hemm oggetti tal-fidda li kienu diga' fil-pussess ta' l-istess Amata Borg. Jidher li l-istess Amata Borg ghamlet distinzjoni bejn l-oggetti li kienu gew donati lilha mill-genituri taghha fiz-zmien meta bintha kienet se tizzewweg ghaliex dawn baqghu dejjem ezebiti fil-kamra tal-pranzu mentri l-oggetti l-ohra dejjem hallithom fis-sideboard. Lanqas mhu plawsibbli jinghad li dawn l-oggetti kienu gew mislufa izda ghal dawn is-snin kollha baqghu fil-pussess taghha.

Inkwantu ghall-bqija ta' l-oggetti tal-fidda u deheb, il-Qorti temmen l-affermazzjoni ta' l-attrici u dan, fost ohrajn, in vista ta' dak li xehdu Monsinjur Anton Borg u Dr Jean Paul Grech.  Ta' l-ewwel[6] xehed li huwa kien jaghti parir lil Rita biex id-deheb taqsmu bejn uliedha. Huwa qal li jiltaqa' ma' Amata Borg kuljum u hija qatt ma semmietlu li ommha tatha xi deheb.

---

[4] A fol 64 tal-process
[5] Ara xhieda Nutar a fol 316 et seq tal-process
[6] A fol 122 tal-process

Sinifikanti wkoll ix-xhieda ta’ l-Avukat Grech[7] li kien gie avvicinat minn Mario Farrugia u Rita Farrugia u dan fiz-zmien li Rita kienet qeghdha tghix ma’ bintha Amata. Dan kien xi xhur qabel Awwissu 2008 f’liema xahar l-attrici marret toqghod ma’ binha l-iehor George wara li kien taha stroke. Huma riedu jkellmuh fuq it-testment tas-sena 2004. Huwa xehed li waqt din il-laqgha ssemmew xi oggetti tad-deheb izda dawn ma gewx identifikati u ssemmew fil-kuntest tal-legat li thalla fit-testment. Huma kienu ltaqghu xi darbtejn. Dakinhar tal-laqghat, Amata Borg u Mario Farrugia ma qalulux li ommhom tathom id-deheb li zewgha kien hallielha b’legat. Kemm il-konvenuta kif ukoll il-kjamat fil-kawza fil-mori tal-proceduri, fuq il-pedana tax-xhieda stqarrew li kienu jafu li l-valur ta’ dawn l-oggetti kien jissarraf f’eluf ta’ liri – li kieku l-oggetti kienu diga’ gew moghtija lilhom bhala rigal zgur li lill-avukat kienu se jghidulu b’dan. Izda tali donazzjoni ma kinitx twettqet. Anzi, waqt li kienu qeghdin jitkellmu Amata u Mario esprimew ix-xewqa li d-deheb li jissemma’ fil-legat jinghata lilhom u qalulu li xtaqu hekk ghax huhom George kien diga’ ha ammonti sostanzjali ta’ deheb. Wara dawn il-laqghat hareg il-kont fuq talba tal-ahwa Amata u Mario u qalulu li ma kien sar xejn minn dak li tkellmu dwaru. Dan kollu huwa ndikattiv li Rita Farrugia kellha l-hsieb li tghaddi d-deheb u l-oggetti tal-fidda lil Amata u Mario. Ir-ragunijiet kienu varji – ma’ George ma kinitx f’relazzjoni tajba u Amata kienet qed tiehu hsiebha. Sa dak iz-zmien sahhet Rita Farrugia ma kinitx wahda hazina u Amata kienet tahslilha l-hwejjeg u ssajrilha jigifieri bl-ebda tigbid ta’ immaginazzjoni ma jista’ jinghad li kien hemm xi obbligazzjoni kbira min-naha ta’ l-omm lejn bintha li tiggustifika tali rigal. L-allegazzjoni li George Farrugia seraq xi deheb jew oggetti ta’ fidda ma gietx ippruvata. Izda din id-donazzjoni li l-konvenuta u l-kjamat fil-kawza allegaw qatt ma sehhet.

Hemm ukoll diversi fatturi li l-Qorti hadet in kunsiderazzjoni biex waslet ghal tali konkluzjoni. Il-kaxxa tad-deheb ghand il-konvenuta kienet tinzamm f’sideboard.

[7] A fol 350 et seq tal-process

L-attrici kellha access ghal tali kaxxa mimlija deheb. L-istess attrici xehdet li mhux l-ewwel darba li hadet id-deheb f'kamritha. Irrizulta wkoll li l-attrici meta kienet tghix ghand bintha tat xi deheb minn taghha fiz-zmien tal-Milied lin-neputija taghha, certa Pauline Grech, li kienet tmur izzurha regolarment. Gie spjegat mill-istess Pauline Grech[8] li tatha katina tal-antaccjoli, labra bid-djamanti, labra ohra bil-fosos homor, salib tat-turkini u arlogg lil ohtha. Dan juri li l-*animus* tal-attrici kien li l-oggetti tad-deheb kienu jappartjenu lilha u kwindi evidentement l-element li l-attrici zvestiet ruhha mmedjatament u rrevokabilment mill-pussess ta' dawn l-oggetti certament li ma giex pruvat. Mhiex ghalhekk kredibbli l-konvenuta Amata Borg meta tixhed li ommha talbitha l-permess biex taghmel dan u hija ma sabet l-ebda oggezzjoni. Infatti hija stess xehdet hekk[9]: *'Nikkonferma illi l-kaxxa tad-deheb kont inzommha fil-cupboard antik, isibuh tal-boulle. Kont inzommu hemmhekk biex meta trid il-mama' tiftah u tara jew taghti rigali minnu. Lil Pauline Grech kienet tatha barbazzal tal-antaccjoli, labra tad-djamanti u lil ohtha xi salib tat-turkini, arlogg'.* Din ix-xhieda tikkonferma li ghall-omm dawk l-oggetti kienu taghha.

Kunsiderazzjoni ohra hija li l-istess konvenuta b'referenza ghall-fidda xehdet hekk f'punt minnhom[10] : *'Il-fidda dejjem fis-sideboard li ghandi fil-kamra tal-pranzu kien jinzamm. Pero' dak illi taghtni b'rigal kont inhallih on show'.* Minn dan il-bran ghandu jinstilet li l-konvenuta stess kienet taghmel distinzjoni bejn dak li gie donat lilha mill-genituri permezz ta' l-iskrittura privata u li hija stess kienet tidentifika bhala taghha u dik il-fidda li hija gabet mid-dar matrimonjali ta' ommha u li hija sempliciment kienet qed izzomm ghandha peress li ommha kienet qeghdha tghix maghha u possibilment ukoll biex hadd minn hutha ma jehodha f'idejhom tenendo kont li kull wild kellu c-cavetta tad-dar matrimonjali.

---

[8] A fol 124 tal-process
[9] A fol 97 tal-process
[10] A fol 98 tal-process

Ghal din il-Qorti tassumi wkoll importanza x-xhieda tal-Marixxal Joseph Xuereb[11] li esegwixxa l-mandat ta' qbid numru 15/09 flimkien ma' Mario Portelli. Huwa spjega li kien hemm elenku anness fl-atti ta' l-istess mandat u li l-oggetti nstabu fil-proprjeta' tal-konvenuti, hlief ghal xi affarijiet zghar li ma nstabux u ohrajn li gew indikati lilu mill-konvenuta li nghataw lilha b'donazzjoni mill-mama'. Dan kien fit-3 ta' Frar 2009 meta l-konvenuta kienet diga' pprezentat ir-risposta guramentata taghha. Kwindi *a tempo vergine* l-konvenuta ghamlet referenza ghal xi oggetti specifici li kienu nghataw lilha b'donazzjoni. L-istess xhud spjega li uhud mill-oggetti kienu *on display* pero' l-parti l-kbira kienu ppakkjati f'craret u karti u kienu gewwa sideboard fil-kamra tal-pranzu. L-oggetti kienu gew identifikati minn George Meilak li kien gie appuntat mill-Qorti ghal dak l-iskop. Il-Qorti tistaqsi hawnhekk – gie stabilit li l-konvenuta hija dilettanta tal-fidda, li kieku l-oggetti gew regalati lilha ma kinitx taghmel uzu minnhom? Kienet se thallihom ippakkjati hekk kif kienu mizmuma ghand ommha?

Illi hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Rosina Gauci vs Antonia Borg**[12] *'Illi l-ligi normalment trid li d-donazzjoni ghandha tirrizulta minn att pubbliku biex ma jkunx hemm dubju u dissidju fuq in-natura tan-negozju guridiku li jkun sar. Fil-kazijiet l-ohra, u hawnhekk il-Qorti ghandha quddiemha s-somma mhux negligibbli ta' mitejn lira, il-prova ghandha tkun rigoruza u mhux klandikanti'.*

Illi anki kieku ghall-grazzja ta' l-argument il-Qorti kellha taccetta l-verzjoni tal-konvenuta u tal-kjamata fil-kawza, id-difiza taghhom bil-fors trid tfalli u dan peress li ma jistax jinghad li d-donazzjoni kienet taqa' fil-parametri ta' l-artikolu 1753(2) tal-Kap 16.

Illi l-artikolu 1753 tal-Kodici Civili jiddisponi hekk:

***'1753.*** *(1) Id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku.*

[11] A fol 90 tal-process
[12] 4 ta' Frar 1965 per Imhallef Maurice Caruana Curran

*(2) Izda, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jghoddux -*

*(a) ghal rigali, li jinghataw minn id ghal id, ta' flus jew ta' hwejjeg mobbli korporali ohra, jew ta' titoli ghall-portatur, jekk is-somma jew il-valur taghhom ikun zghir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra;'*

Illi hekk kif inghad fis-sentenza **Pace vs Caruana,** din in-nullita' kif kontemplata f'dan l-artikolu hija ta' karattru assolut fis-sens li tista' tigi nvokata mill-istess donanti anki jekk dan l-ahhar imsemmi jkun esegwixxa jew ikkonferma volontarjament id-donazzjoni, salv ghad-donazzjonijiet manwali, fejn allura l-kuntratt mhux rikjest. Dik il-Qorti kompliet tghid:

*'Illi huwa fatt li l-koncett tad-donazzjoni manwali huwa oskur u vag; u hemm fost l-awturi min jahseb li l-istess ghandu jigi determinat bi kwalunkwe mod, u cjoe' mhux biss fir-rigward tal-manwalita' u modicita', imma anki fir-relazzjoni tal-funzjoni ta' l-istess donazzjoni socjalment kunsidrata. Dina l-Qorti tahseb li biex id-donazzjoni manwali li tkun ezenti mis-solennita' ta' l-att pubbliku stabbilit mil-ligi taht piena ta' nullita' ghad-donazzjonijiet veri u proprji jkollha effikacja guridika, huwa mehtieg (1) li l-oggett moghti b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dana jghaddi mmedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament l-volonta' li jiddona u li jisvesti ruhu mmedjatament u rrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona. In-nuqqas ta' wiehed minn dawn l-elementi, fil-hsieb ta' dina l-Qorti, jinnewtralizza l-hsieb li l-oggett donat ghandu jigi kunsidrat bhala don manwali. Mentri l-ahhar zewg rekwiziti rispettivament jiffurmaw l-att materjali u ntenzjonali specifiku tad-donazzjoni, l-ewwel element juri xoghol tal-mohh bazat fuq fatti konkreti dwar ir-relazzjoni proporzjonali tal-kondizzjoni ekonomika tad-donanti u l-valur tal-oggett donat. Il-modicita', jew eccessivita', kwindi, tad-donazzjoni, sabiex jista' jinghad li hija fil-kaz specifiku*

*tista' tirrivesti l-karattru ta' don manwali, hija varjanti skont il-valur tal-oggett u l-fortuna tad-donanti. Huwa ghalhekk li dik ir-relazzjoni trid tigi studjata u ezaminata. M'hemmx bzonn jinghad li certi donazzjonijiet li jsiru kazwalment u konswetudinarjament f'certi determinati rikorrenzi u cirkustanzi tal-hajja, meta jkunu ta' somom tenwi skond il-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti, ma jistghux hlief jirrivestu l-karattru ta' don manwali. Hekk jinghad ghar-rigali zghar u ta' ftit flus fl-okkazjoni ta' l-istrina jew xi onomastiku jew okkazjonijiet ta' zwieg; imma dak li johrog barra mic-cirkustanzi ordinarji tal-hajja ma jistax dwarhom jinghad l-istess haga 'prima facie' u mill-ewwel b'certezza'.*

Illi mill-atti rrizulta li Rita Farrugia hija proprjetarja ta' nofs l-immobbli u mobbli formanti l-komunjoni tal-akkwisti ezisteni ma' zewgha, kif ukoll l-uzufrutt tan-nofs ta' zewgha u l-intier ta' l-oggetti tad-deheb u l-fidda. Jinghad mill-ewwel li l-uzufrutt ma giex kwantifikat f'termini ta' valur ai fini ta' din il-kawza. Irrizulta ghalhekk li l-valur tal-assi fiz-zminijiet ta' l-2006 -2007 huwa s-segwenti :

- Id-dar matrimonjali giet stmata mill-Perit Tekniku Valerio Schembri fl-ammont ta' **€475,000**

- Il-mobbli fid-dar matrimonjali gew stmati mill-Perit Tekniku Vincent Ciliberti fl-ammont ta' **€158,144.79**

- L-appartamenti fil-Balluta – hemm qbil li fiz-zmien inkwistjoni kien hemm offerta fl-ammont ta' **€582,343**

- L-oggetti tal-fidda gew stmati fl-ammont ta' **€78,080**

- L-oggetti tad-deheb gew stmati fl-ammont ta' **€90,874**

Illi ghaldaqstant il-valur ta' l-assi ta' l-attrici fis-sena 2006 - 2007 jekwivali ghal **€237,500 + €79,072 + €291,171 + €168,954 = €776,697.**

Illi mill-valur tal-fidda jridu jitnaqqsu s-segwenti ammonti rapprezentanti c-centru tal-fidda bi kristalla fuqu u b'zewg iljuni b'induratura tad-deheb, zewg ktieli u erba' zukkarieri

li gew donati lill-konvenuta Amata Borg. Mir-rapport tal-Periti Teknici jirrizulta li dawn l-oggetti gew valutati hekk:

- Crystal/Silver Fruit centrepiece
  **€2,600**
- Teapot with Warmer Stand
  **€1,900**
- Bowl
  **€2,400**
- Bowl
  **€2,000**
- Bowl
  **€1,900**
- Bowl
  **€2,300**
- Tea/Coffee Pot/Creamer/Sugar Basin
  **€2,300**

**Total = €15,400**

Ghaldaqstant il-valur tal-fidda li l-konvenuta u l-kjamat fil-kawza sostnew li nghataw b'donazzjoni huwa fl-ammont ta' **€62,680.** Maghdud ma' dan l-ammont hemm il-valur tad-deheb li huwa **€90,874.** Isegwi ghalhekk li l-valur tal-fidda u tad-deheb huwa ta' **€153,554.**

Illi l-abbli difensur tal-konvenuti argumenta li hawn si tratta ta' zewg donazzjonijiet u mhux wahda ghaliex inghatat donazzjoni lil Amata Borg u lil Mario Farrugia separatament u dan anki jekk fizikament l-oggetti ghandhom ma nqasmux bejniethom. Dan l-argument ghandu l-validita' tieghu u dan in linea wkoll mas-sentenza succitata fl-ismijiet **Pace vs Caruana** fejn il-Qorti kellha quddiema depozitu ta' flus li sar f'zewg kontijiet bankarji ta' zewg neputijiet taghha. Il-Qorti kkonkludiet li ghalkemm id-donanti harget £100 f'gurnata wahda kellhom jitqiesu bhala zewg donazzjonijiet *l-ghaliex id-donazzjonijiet in parola huma fattijiet diversi bejn id-donanti u z-zewg donatarji, u bhala tali huma rapporti guridici u separati, u bhala tali kienu jirrikjedu kunsensi u accettazzjonijiet separati, u setghu kienu suggetti ghall-modalitajiet differenti, b'mod li, hekk kunsidrati, jidhlu fl-effikacja lilhom*

*moghtija mill-istess ligi'.* Ghalhekk ladarba l-konvenuta sostniet li l-attrici tat b'donazzjoni lilha u lil huha Mario Farrugia sabiex jaqsmu l-affarijiet u dan kienu se jaghmluh b'mod ugwali jfisser li kull wild kien se jiehu b'donazzjoni b'valur ta' **€76,777.**

Tenendo kont li l-valur ta' l-assi ta' l-attrici fiz-zmien mertu tal-pretiza donazzjoni kien fl-ammont ta' **€776,697** allura jsegwi li d-donazzjoni lil kull wild kienet tikkonsisti prattikament fl-10% ta' l-assi appartenenti lill-attrici. Kwindi fil-komplessiv cirka 20% ta' l-assi kollha taghha. Il-konvenuta u l-kjamat fil-kawza jikkontendu li l-omm hadet dan il-pass peress li huhom George kien ha hafna oggetti tad-deheb u hija riedet tekwiparhom. Apparti l-fatt li kif diga' gie ritenut ma giex pruvat li George ha xi oggetti appartenenti lill-genituri tieghu, verament irrizulta li George kompla bin-negozju tal-missier u ha l-istock. Izda Mario Farrugia wkoll gie mghejjun mill-genituri tieghu u nfatti jirrizulta mill-iskrittura redatta mal-genituri tieghu li huwa kien inghata l-istess ammont ta' huh. L-ahwa min-naha taghhom obbligaw ruhhom fuq dik l-iskrittura li mal-mewt ta' xi hadd mill-genituri kellhom kull wiehed jaghtu lil ohthom ftit aktar minn ghoxrin elf lira Maltin. Lil hinn mill-kwistjoni dwar il-validita' legali ta' dawn l-iskritturi (li mhux mertu tal-kawza odjerna) sta di fatto li f'mohh l-attrici hadd mit-tfal ma' kien gie partikolarment agevolat. Oltre' dan mix-xhieda tal-konvenuta Amata Borg li l-omm tat hafna flus lil huha Mario meta kien fil-bzonn u ghalhekk zgur li mic-cirkostanzi ma jirrizultax li kien hemm xi cirkostanzi partikolari ghala l-attrici kellha taghmel xi donazzjoni lil dawn iz-zewgt ulied.

Illi tenendo kont ta' dan kollu ma jistax jinghad li l-valuri fuq imsemmija huma valuri zghar jew *di modico valore* u ghalhekk kieku kien hemm donazzjoni xorta wahda kellha titqies bhala nulla peress li r-rekwizit tad-donazzjoni li ssir b'att pubbliku ma giex sodisfatt.

Illi stabilit dan, il-Qorti xorta wahda trid tistabilixxi jekk meta l-attrici u zewgha taw lill-konvenuta s-sett tat-te' u l-

kafe'[13], il-bowl tal-fidda, zewg ktieli fuq stands u 4 zukkarieri kienx hemm bzonn ta' kuntratt pubbliku ghaliex kulma sar kien skrittura privata bejn il-partijiet. Illi mill-atti tal-kawza ma jirrizultax il-valur ta' l-assi kollha li kellhom il-konjugi Farrugia fiz-zmien li saret id-donazzjoni u lanqas il-valur ta' l-oggetti *de quo* ma giet stabilita. Sta di fatto li fis-sena 2006 -2007 dawn l-oggetti kienu jiswew €15,400. Zgur li ma jistax jinghad li l-valur ta' l-oggetti kien xi wiehed minimu izda gie stabilit, min-naha l-ohra, li l-konjugi Farrugia kienu proprjetarji tad-dar matrimonjali u ta' proprjeta' ohra f'Malta u li huma kienu kollezzjonisti ta' oggetti prezzjuzi ferm. Irrizulta wkoll li huma kienu agevolaw lil uliedhom subien u ghalhekk abbazi tal-valur ta' l-assi li rrizulta mill-atti u tenendo kont li fiz-zmien tad-donazzjoni l-valur kien xi ftit anqas minhabba li maz-zmien il-valur tal-proprjeta' u tad-deheb u oggetti tal-fidda ghandu t-tendenza li joghla, din il-Qorti tqis li l-ghoti ta' dawn l-oggetti kien wiehed manwali u ma kien hemm bzonn ta' l-ebda skrittura privata u ghalhekk dawn l-oggetti jappartjenu lill-konvenuta u kwindi m'ghandhomx jigu ritornati lill-attrici.

Mil-lista tal-fidda esebita mill-attrici qeghdin jigu wkoll eskluzi sitt (6) kuccarini tal-fidda ta' Malta antiki peress li dawn ma nstabux u ma gietx pruvata l-ezistenza taghhom.

Illi mill-atti rrizulta li l-oggetti tad-deheb huma depozitati f'fergha tal-Bank of Valletta plc, fil-Belt Valletta u li c-cavetta tinsab fil-pussess tal-konvenuta Amata Borg. L-oggetti tal-fidda jirrizultaw li qeghdin fid-dar matrimonjali tal-konvenuti Maurice u Amata Borg.

Illi l-oggetti li ghandhom jigu ritornati lill-attrici huma dawk l-oggetti li nstabu mill-Marixxal Joseph Xuereb waqt l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid u dawk l-oggetti tad-deheb li gew valutati mill-Periti Teknici wara li nghataw access ghad-deposit box u dan peress li ma giex ippruvat li kien hemm oggetti ohrajn.

[13] Li l-attrici tghid li taghtu lil bintha u ghalhekk mhux qed tippretendi lura

Illi rrizulta li huma l-konvenuti li ghandhom l-oggetti tal-fidda fil-pussess taghhom liema oggetti gew dettaljament elenkati fil-lista li giet esebita mill-attrici nnifisha a fol 23 u 24 tal-process liema lista qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza sabiex tifforma parti ntegrali maghha.

Konsegwentement din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kjamat fil-kawza :-

(i) Tilqa' l-ewwel talba attrici;

(ii) Tilqa' t-tieni talba attrici billi tiddikjara li l-oggetti tal-fidda qeghdin fil-pussess tal-konvenuti Borg fejn thallew minn Rita Farrugia, armla ta' Emanuele Farrugia meta hija giet rikoverata fl-Isptar Generali ta' Ghawdex; filwaqt li l-oggetti tad-deheb qeghdin fil-pussess tal-konvenuti Borg u ta' Mario Farrugia billi dawn qeghdin depozitati f'safe deposit box fuq isimhom gewwa bank lokali li c-cavetta ta' l-istess kaxxa tinsab fil-pussess taghhom.

Ai fini ta' l-oggetti tad-deheb dawn jikkonsistu f'dawk l-oggetti li gew stmati mill-Periti teknici f'din il-kawza li gew fotografati (DSC 0208 sa 0245) kif ukoll il-muniti li ma gewx fotografati izda li saret ukoll l-istima taghhom liema lista qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dok 'A' u tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

Illi l-fidda hija dik li giet elenkata fil-lista a fol 23 u 24 tal-process esebita u hawn annessa mmarkata bhala dok 'B', mil-liema lista jridu jigu eskluzi (a) ic-centru tal-fidda bi kristalla fuqu u b'zewg iljuni b'induratura tad-deheb, (b) 4 zukkarieri tal-fidda, (c) kitla tal-fidda bi stand u bil-ktajjen tal-marka 'Victorian', (d) kitla tal-fidda minghand Micallef bi stand u b'disinn irrigat qishom swaba tal-marka 'Victorian', (e) sett tal-fidda tat-te' u kafe' tal-marka 'Victorian' konsistenti fi tray tal-kafe', tat-te', zukkariera u buqar tal-halib liema oggetti nghataw lill-konvenuta b'donazzjoni mill-genituri taghha u ghaldaqstant jappartjenu lilha.

Inoltre’ qeghdin jigu eskluzi minn din il-lista sitt (6) kuccarini tal-fidda ta’ Malta antiki.

(iii) Tordna lill-konvenuti u lill-kjamat fil-kawza sabiex jirrestitwixxu lill-attrici l-istess oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz li jissemmew fil-paragrafu precedenti ghal dan fi zmien ghoxrin (20) jum mil-lum. Fin-nuqqas li l-konvenuti u l-kjamati fil-kawza jonqsu milli jirrestitwixxu dawn l-oggetti qeghdin jigu kkundannati jhallsu lill-attrici l-ammont ta’ mija tlieta u hamsin elf hames mija u erbgha u hamsin euro (€153,554) in solidum, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

Spejjez kollha ta’ dawn il-proceduri a karigu tal-konvenuti u tal-kjamat fil-kawza in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------